MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Numru. 609/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**

**vs**

**Christian Mifsud**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Christian Mifsud, iben Francis u Antonia nee` Seychell, imwieled il-Pieta`, fl-24 ta` Mejju, 1985 u residenti 10, 'Rocstech', Triq Indri Cilia, Hamrun u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 273185 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

Fis-6 ta` Frar, 2005, ghall-habta ta` 1.45 p.m., fi Pjazza San Luqa, Pieta`, saq vettura Nru. EAP 442,

(1) B`manjiera traskurata

(2) Perikoluza

(3) Bla kont

(4) B`giri aktar milli jmissu

(5) Kif ukoll saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b`polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni

(6) U aktar b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b`nuqqas ta` tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkagunat offizi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Christian Mallia u Roxanne Bonnici skond kif iccertifika Dr Adrian Spiteri M.D. ta` S.L.H.

(7) Kif ukoll offizi ta` natura hafifa salva kumplikazzjonijiet skond kif iccertifika l-imsemmi Dr. Adrian Spiteri M.D.

(8) U aktar bil-hsieb li jaghmel hsara lil Christian Mallia akkuza lil Christian Mallia quddiem awtorita` kompetenti b`reat filwaqt li jkun jaf li Christian Mallia hu inocenti.

(9) Kif ukoll xjentament issoprometta jew b`xi mod iehor qared jew biddel it-tracci jew l-indizji ta` reat

(10) U aktar b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b`nuqqas ta` tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna hsarat fuq l-istess vettura li kien qed isuq ghad-dannu ta` Christian Mallia.

Il-Qorti kienet mitluba li minn barra milli taghti l-piena stabbilita skond il-ligi f`kaz ta` htija tordna li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 22 ta' Awissu, 2005 sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-20 ta' April, 2006 (a *folio* 26 tal-process) ai termini ta' l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda kollizzjoni jew ahjar incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Frar 2005 ghall-habta ta' 1.45am fi Pjazza San Luqa, Pieta' waqt li l-imputat kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAP 442. Permezz tal-ewwel erba' akkuzi l-imputat jinsab akkuzat li saq b'manjiera traskurata, perikoluza, bla kont u b'giri aktar milli jmissu. Fir-rigward ta' dawn l-akkuzi jinghad mal-ewwel li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxielha tiprovahom lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni kif tirrikjedi l-ligi fil-kamp kriminali. Il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u sabet li l-unika xhieda li b'xi mod titfa' dawl fuq l-incident hija x-xhieda ta' Rosanne Bonnici li xehdet fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2007 fejn din qalet li fid-data tal-incident hija kienet passiggiera fil-vettura misjuqa mil-imputat meta dan f'hin minnhom zamm brejk u l-karozza baqghet diehla fic-centre strip li hemm quddiem l-Isptar San Luqa. Hija qalet ukoll li kienet wegghat f'dan l-incident izda l-griehi kienu ta' natura hafifa u hija kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat. Din ix-xhieda bl-ebda mod ma tista' tinghad li titfa' xi dawl dwar id-dinamika tal-incident de quo u certament ma jistghax jitqies li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu b'manjiera traskurata,

perikoluza, bla kont u b’giri aktar milli jmissu. Irid jinghad inoltre li r-raba akkuza tirrizulta li hija preskiritta ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-incident in dizamina fil-fatt sehh fis-6 ta’ Frar 2005 u mir-riferta esebita a folio 21 tal-process jirrizulta li l-imputat gie notifikat fid-29 ta’ Awissu 2005. Irid jigi rilevat li dawn il-proceduri inizjalment kienu nbdew quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-seduta tal-kollizzjonijiet izda imbaghad permezz ta’ digriet tal-11 ta’ Lulju 2005 l-Qorti dehrilha li uhud mill-akkuzi odjerni kienu jezorbitaw il-kompetenza taghha u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz u l-atti ntbaghtu ghand ir-Registratur tal-Qorti sabiex il-kaz jigi assenjat skond il-ligi. L-imputat qieghed ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-ewwel tlett akkuzi filwaqt li r-raba’ akkuza qed tigi dikajarata li hija preskritta u konsegwentement l-imputat qed jigi liberat minn dawn l- akkuzi.

L-imputat qed jeccepixxi l-preskrizzjoni anki fir-rigward tal-hames akkuza u cioe’ dik fejn huwa gie akkuzat lli ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni ghas-sigurta’ u dwar ir-riskji ta’ terzi persuni ai termini tal-Artikolu 3 (1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Artikolu 323 (3) tal-AKp. 104 jipprovdi li proceduri kriminali taht l-imsemmi Att iridu jittiehdu sa zmien sitt xhur mid-data li fih isir l-allegat reat. Kif diga ntqal aktar il-fuq dawn il-proceduri kellhom jergghu jinbdew jinstemghu mill-gdid quddiem din il-Qorti wara li kien hemm digriet ta’ astensjoni fil-11 ta’ Lulju 2005 stante li uhud mill-akkuzi kienu jezorbitaw il-kompetenza tal-Qorti li kienet qed tipresjedi s-seduta tal-kollizzjonijijet. Mir-riferta esebita a folio 21 tal-process jirrizulta li l-imputat gie notifikat bil-proceduri odjerni fid-29 ta’ Awissu 2005 u ghalhekk oltre t-terminu ta’ sitt xhur li jipprovdi l-Artikolu 323 (3) tal-Kap. 104. Il-hames akkuza ghalhekk ukoll tirrizulta preskritta.

Il-Qorti qed tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda is-sitt, is-seba’ u l-ghaxar akkuza u konsegwentement ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dawn l-akkuzi u dan stante li Christian Mallia u Rosanne Bonnici it-tnjen irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali

fil-konfronti tal-imputat ( vide xhieda relattivi a folio 28 u 45 tal-process).

Permezz tat-tmien u d-disa’ akkuzi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati ta’ kalunnja u dak li isoprima jew qered tracci ta’ reat kontemplati fl-Artikoli 101 (1) (c) u 111 (2) (b tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Anki dawn l-akkuzi bl-ebda mod ma gew pruvati sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali ghaliex l-ufficcjal tal-Pulizjia li hejja r-rapport jew l-okkorrenza esebita a folio 29 sa 33 ma xehedx f’dawn il-proceduri u l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Carlo Ellul li esebixxa din l-okkorenza ikkonferma meta xehed in kontro-ezami li huwa bl-ebda mod ma kien ippartecipa fl-investigazzjoni tal-kaz odjern u qal li tali xoghol kien sar minn PS 768 u cioe’ is-Surgent tal-Ghassa, u dan l-ahhar ma giex prodott bhala xhud f’dawn il-proceduri. L-imputat qieghed ghalhekk jigi idikjarat mhux hati tat-tmien u d-disa’ akkuza u qieghed konsegwentement jigi liberat mill-istess akkuzi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, it-tmien u d-disa’ akkuza u konsegwetnement tillibera lill-imputat minn dawn l-akkuzi, wara li rat l-Artikoli 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 323 (3) tal-Kap. 104 tiddikjara r-raba’ u l-hames akkuzi bhala preskrritti u tillibera lill-imputat mill-istess akkuzi u stante r–rininzja tal-kwerelanti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwanu jirrigwrda is-sitt, is-seba’ u l-ghaxar akkuza u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------